MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Numru. 1426/2011

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Andrew Bezzina, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Novembru, 1982, karta ta’ l-identita numru 647582(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-lejl ta’ bejn il-11 ta’ Ottubru, 2011 u it-12 ta’ Ottubru, 2011 ġewwa Triq is-Sur, Fgura u f’dawn il-Gzejjer, ikkometta serq ta’ ‘diesel’ liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37 liema serq sar minn vetturi u inġenji għad-dannu ta’ John Fenech minn Ħaż-Żabbar u/jew persuni oħra;
2. talli fil-lejl ta’ bejn il-11 ta’ Ottubru, 2011 u it-12 ta’ Ottubru, 2011 ġewwa Triq is-Sur, Fgura u f’dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAM 717 meta

kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża għal perjodu ta' sena b'sentenza mogħtija lilu fit-28 ta' April, 2011;

3. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra l-piena skont il-liġi tordna l-konfiska tal-'corpus delicti', f'dan il-każ il-vettura tal-marka Vauxhall Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAM 717, li serviette jew li kien maħsub li serviette sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra l-piena skont il-liġi tingħata sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan ta' Andrew Bezzina għal żmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn ġie stabbilit illi l-valur ta' diesel misruq hu ta' €470.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, (a)267, 270, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €470 lil John Fenech fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u tissospendi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal żmien tlett xhur mil-lum..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------